MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Numru 43/2008

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

George Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 786853(M) akkuzat talli:

1. fit-18 ta' Settembru 2007 fil-hanut bl-isem 'KYS Trophies and DVD Rentals' 146 Triq Manuel Dimech Sliema, ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentament ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-

merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioè numru ta’ DVDs, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u prottetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini ta’ l-artikolu 298(b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta.
Semghet lill-imputat f’din l-udjenza tal-lum jirregistra ammisjoni li fuqha insista aka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi l-ammisjoni tal-imputat hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Fuq tali ammisjoni issibu hati tar-reati kontrih dedotti:

Rat l-Artikolu 298(1), 298(b) u 17 tal-Kap 9.

Tikkundannah multa ta’ 400euro li ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn xahar mil-lum.

Ghal finijiet tat-talba ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 l-ebda esperti teknici ma gew nominati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------